MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2013

Numru 4/2013

**Att ta' Akkuża numru 4/2013**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**kontra**

**Adamo Bagayoko,**
**Abdulaziz Seven u**
**Musa Sangare**

**Illum 13 ta' Marzu, 2013,**

Il-Qorti,

Rat l-att ta' akkuza numru 4 tas-sena 2013 migjuba fil-konfront ta' Adamo Bagayoko detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija bin-numru 45495(A), Abdulaziz Seven

detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija bin-numru 46026(A) u Musa Sangare detentur tan-numru tal-Pulizija 07A-025.

Wara li l-Avukat Generali fl-ewwel u l-uniku kap ippermetta illi:

Fit-tlettax (13) ta' Lulju tas-sena elfejn u għaxra (2010) il-pulizija rċevew rapport mingħand Abdulaziz Seven u Adama Bagayoko li allegaw li huma flimkien ma diversi persuni oħra kienu ser jiġu ttrasportati illegalment minn Malta lejn l-Italja fil-lejl preċedenti bejn it-tnax (12) u t-tlettax (13) ta' Lulju tal-istess sena elfejn u għaxra (2010) liema ħarba falliet waqt li kienu diġa fi triqtom lejn id-destinazzjoni tagħhom. Irriżulta wkoll mill-investigazzjonijiet li kien hemm diversi persuni involuti f'din l-intrapriza illegali u fosthom il-persuni li kienu rrapurtaw din l-intrapriża lleċita lil korp tal-pulizija, kienu tnejn fost dawn il-persuni li kienu pparteċipaw b'mod xjenti u attiv f'din l-intrapriża. Persuna oħra indikata bl-istess mod u bl-istess involviment kien Musa Sangare. Dawn ilkoll kemm huma ġew indikati bħala ko-akkużati fil-proċeduri odjerni.

Illi mill-investigazzjonijiet irriżulta illi diversi immigranti li kienu hawn Malta b'mod illegali kienu ġew avviċinati mill-ko-akkużati f'pajjizna illi infurmawhom li kienu jafu min seta' jtihom assistenża sabiex jittieħdu l-Italja minn pajjizna illegalment u dan versu l-prezz ta' bejn elf u elf u ħames mitt Euro il-ras (€1000 - €1500). Din il-persuna li rċeviet dawn il-flejjes irriżultat li kienet Angelo Bilocca li qed jiġi mixli fi proċeduri separati u li kien qed jiġbor il-ħlas għal dan it-traġitt illeċitu mill-ko-akkużati f'dawn il-proċeduri li kienu ilkoll ikkonġuraw miegħu sabiex jirradunaw lil dawn il-vittmi u jħajjruhom jużaw is-servizz offrut lilhom versu l-pagament indikat. Effettivament dawn il-persuni li ġew avviċinati, qua l-vittmi ta' dan it-trasport illeċitu, kienu ħalsu sommom konsiderevoli ta' flus direttament lill-ko-akkużati bil-għan li jkunu jistgħu jitilqu minn Malta f'dan il-mod illegali skond kif propost lilhom u liema flejjes effettivament ġew mgħoddija mill-ko-akkużati fil-pussess tal-imsemmi Angelo Bilocca.

Illi konsegwenzjalment fil-lejl tat-tnax (12) ta’ Lulju elfejn u għaxra (2010) dawn l-immigranti li kienu jammontaw għal madwar ħamsa u għoxrin (25) b’kollox, u li ilkoll kienu ħallsu dawn il-flejjes sabiex jaħarbu b’dan il-mod, kienu filfatt inġabru minn trukk abjad misjuq minn Angelo Bilocca stess li xjentement ħadhom ġewwa Wied il-Għajn sabiex minn hemmhekk jitilqu minn xtutna kif miftiehem. Filfatt għall-ħabta ta’ nofs il-lejl tal-lejl bejn it-tnax (12) u t-tlettax (13) ta’ Lulju tas-sena elfejn u għaxra (2010) l-immmigranti in kwistjoni waslu fl-akkwati ta’ fejn kien hemm il-lukanda *Jerma Palace*, bl-iskop li minn hemmhekk jiġu ttrasportati llegalment minn Malta fuq *speed boat* lejn l-Italja, u liema dagħjsa kienet diġa fil-post tistennihom sabiex issalpaw minn fejn kienu. Kien hemm ukoll dagħjsa zgħira u kien hemm żewġ persuni mhux magħrufa allegatament ta’ nazzjonalita’ Maltija fuq id-dgħajjes in kwistjoni fil-post fejn iltaqaw wara li kien wassalhom fuq il-post l-imsemmi Angelo Bilocca. Il-ko-akkużati kienu wkoll preżenti fuq il-post u filfatt kienu f’dak il-mument għaddew il-flejjes miġbura mill-vittmi ta’ din l-immigrazzjoni llegali lil imsemmi Angelo Bilocca.

Illi dawn l-immigranti in kwistjoni, qua il-vittmi, rikbu fuq dawn id-dagħjjes fejn il-biċċa l-kbira minnhom rikbu fuq id-dagħjsa kbira u effettivament salpaw lejn l-Italja. Allagatament meta kienu wasslu nofs triq fil-baħar l-immigranti ġew mitluba jidħlu kollha fid-dagħjsa ż-żgħira u jkomplu fi triqtom lejn l-Italja waħedhom, ħaġa li huma lkoll irrifjutaw peress li d-dagħjsa ma kienetx kbira biżżejjed għal ħamsa u għoxrin ruħ u peress li ħadd minnhom ma seta’ jsuq id-dagħjsa in kwistjoni. Peress li dawn l-immigranti insistew bir-rifjut tagħhom huma ġew ittrasportati lura lejn Malta mill-assistenti mhux magħrufa tal-ko-akkużati in kwistjoni u l-vjaġġ illegali mertu ta’ dan il-każ ġie kkanċellat.

Illi l-ko-akkużati ġew identifikati minn xi uħud mill-vittmi ta’ dan ir-reat bħala l-persuni li kienu avviċinawhom u li kienu ħajjruhom sabiex jitilqu minn Malta lejn l-Italja illegament u versu ħlas ta’ mhux inqas minn elf Euro (€1000) ir-ras. Dawn il-vittmi kienu filfatt għaddew il-flus personalment lilhom liema flejjes kienu sussegwentment ġew mgħoddija

lil Angelo Bilocca li kien xjentement miftiehem magħhom f'dan is-sens u li kien ukoll attivament u fisikament involut f'din il-konġura illeċita u fil-preparativi in konnessjoni magħha. Dawn il-ko-akkużati kienu ser jitħallsu sommom sostanzjali għar-rwol u l-parteċipazzjoni tagħhom f'din il-ħarba. Effettivament il-ko-akkużati Abdulaziz Seven, Adama Bagayoka u Musa Sangare ilkoll kemm huma ammettew l-involivment tagħhom f'din l-intrapriża kriminali kif ukoll dik ta' Angelo Bilocca li kontriħ ittieħdu proċeduri separati.

Illi b'għemilhom l-imsemmijin Adamo Bagayoko, Abdulaziz Seven u Musa Sangare saru ħatja talli, bejn it-tnax (12) u t-tlettax (13) ta' Lulju tas-sena elfejn u għaxra (2010) u fil-jiem ta' qabel bil-ħsieb li jagħmlu xi qliegħ li jkun, għenu, assistew, taw parir jew ħabirku biex persuni oħra jidħlu jew jagħmlu tentattiv biex jidħlu jew joħorġu jew jgħaddu minn jew jagħmlu tentattiv biex jgħaddu minn jew jagħmlu tentattiv biex joħorġu minn Malta bi ksur tal-liġijiet ta' Malta, jew li, sew f'Malta jew barra minn Malta, ikkonġuraw f'dak is-sens ma' xi persuna oħra; b'dan li l-persuni mgħejjuna, assistiti, mogħtija parir, li jkun sar tħabrik dwarhom, jew il-mira tal-konġura, kienu ta' aktar minn tlieta.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lil Adamo Bagayoko, Abdulaziz Seven u Musa Sangare, ħatja talli, bejn it-tnax (12) u t-tlettax (13) ta' Lulju tas-sena elfejn u għaxra (2010) u fil-jiem ta' qabel bil-ħsieb li jagħmlu xi qliegħ li jkun, għenu, assistew, taw parir jew ħabirku biex persuni oħra jidħlu jew jagħmlu tentattiv biex jidħlu jew joħorġu jew jgħaddu minn jew jagħmlu tentattiv biex jgħaddu minn jew jagħmlu tentattiv biex joħorġu minn Malta bi ksur tal-liġijiet ta' Malta, jew li, sew f'Malta sew barra minn Malta, ikkonġuraw f'dak is-sens ma' xi persuna oħra ; b'dan li l-persuni mgħejjuna, assistiti, mogħtija parir, li jkun sar tħabrik dwarhom, jew il-mira tal-konġura, kienu ta' aktar minn tlieta; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmija ko-akkużati u illi huma jiġu kkundannati għall-piena ta' priġunerija ta' mhux inqas minn sitt xhur u mhux iktar minn tnax il-sena jew multa ta' tlieta u għoxrin elf mitejn u tlieta u disgħin euro u

tlieta u sebgħin ċenteżmu (€23,293.73) jew dik il-multa u priġunerija flimkien kull wieħed, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 337A(1), 23, 23A, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmija ko-akkużati.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat ir-Rikors Konguntiv tal-Avukat Generali w tal-akkuzati Adamo Bagayoko, Abdulaziz Seven u Musa Sangare pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-28 ta' Frar, 2013, fejn, wara li ddikjaraw li kienu qed jaqblu fit-termini tal-artikolu 453A(1) tal-Kodici Kriminali, umilment talbu lil din l-Onorabbli Qorti li, fl-eventwalita` li jkun hemm ammissjoni da parti tal-ko-akkuzati Adamo Bagayoko, Abdulaziz Seven u Musa Sangare ghall-akkuza migjuba kontrihom, il-piena li ghandha tigi nflitta fuqhom minn din l-istess Qorti ghandha tkun wahda ta' prigunerija ghal-perjodu ta' sentejn (2) kull wiehed u dan oltre is-sanzjonijet u konsegwenzi ohra tassattivi ghad-dikjarazzjoni u sejbien ta' htija ai termini tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi waqt is-seduta tal-lum, l-akkuzati, mistoqsija jekk humiex hatja skond l-Att tal-Akkuza, wiegebu billi stqarrew illi huma hatja tar-reati hemm dedotti kontra taghhom;
Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzati b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-twegiba w taghthom ftit taz-zmien biex jergaw lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-akkuzati baqghu itennu t-twegiba li huma hatja.

Tiddikjara ghalhekk lil Adamo Bagayoko, Abdulaziz Seven u Musa Sangare hatja talli:

Bejn it-tnax (12) u t-tlettax (13) ta' Lulju tas-sena elfejn u għaxra (2010) u fil-jiem ta' qabel bil-ħsieb li jagħmlu xi qliegħ li jkun, għenu, assistew, taw parir jew ħabirku biex persuni oħra jidħlu jew jagħmlu tentattiv biex jidħlu jew joħorġu jew jgħaddu minn jew jagħmlu tentattiv biex jgħaddu minn jew jagħmlu tentattiv biex joħorġu minn

Malta bi ksur tal-liġijiet ta’ Malta, jew li, sew f’Malta jew barra minn Malta, ikkonġuraw f’dak is-sens ma’ xi persuna oħra; b’dan li l-persuni mgħejjuna, assistiti, mogħtija parir, li jkun sar tħabrik dwarhom, jew il-mira tal-konġura, kienu ta’ aktar minn tlieta.

Ikkunsidrat,
Il-gurisprudenza lokali kif ukoll dik ta’ barra minn xtutna fir-rigward tal-piena inflitta meta persuna tghamel ammissjoni bikrija senjatament “Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Nicholas Azzopardi” [24.2.1997] (Qorti Kriminali); “Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Mario Camilleri” [5.7.2002] (Qorti ta’ l-Appell Kriminali); “Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa” [17.7.2002] (Qorti ta’ l-Appell Kriminali) kif ukoll il BLACKSTONE’S CRIMINAL PRACTICE (Blackstone Press Limited 2001 edit) ;

Din il-Qorti thoss li f’ dan il-kaz partikolari ghandha taderixxi ghat-talba konguntiva maghmula skond l-artikolu 453A tal-Kodici Kriminali u ghaldaqstant, wara li rat l-artikoli 337A(1), 23, 23A, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali tikkundanna lil hatja Adamo Bagayoko, Abdulaziz Seven u Musa Sangare ghal-perjodu ta’ sentejn (2) prigunerija kull wiehed kif ukoll is-somma ta’ tlett mija u sebgha u tmenin Euro u sitta u tletin centezmu (€387,36) kull wiehed rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji inkorsi f’dan il-process, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali;

Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta ta’ kull flejjes jew proprjeta’ mobbli w immobbli ohra tal-hati;

Tordna wkoll li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------